MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-15 ta' April, 2003

Thomas Harmsworth
vs
Ministeru tat-Turizmu u Segretarju Amministrattiv u Chairman tal-Mediterranean Conference Centre li gie kjamat fir-rikors b' digriet tal-20 ta' Jannar 2000

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn l-1992 u l-1995 huwa kien sofra ingustizzja f' li gie meqjus bhala haddiem irregolari, kien gie trasferit u li ma kienx jithallas tal-grad li gie impjegat bih.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Huwa kien gie impjegat mal-Ministeru tat-Turizmu fl-1986 bhala Operations Manager u mibghut il-Mediterranean Conference Centre.

Kif appena nbidel il-Gvern fl-1987 huwa ma kienx inghata aktar xoghol, u ghamel kwazi sentejn shah f'din il-pozizzjoni, minkejja li dejjem talab ic-Chairman biex jaghtih ix-xoghol.

Ghall-habta tal-1989, kien kellmu l-Ministru l-Onor. Dr. Michael Refalo, u dan kien qallu biex imur jirraporta ghax-xoghol il-White Rocks Holiday Complex, jaghmel xoghol ta' Stores Manager li kien kwazi ekwivalenti ghall-kariga li kellu f'Dar il-Mediterran.

Wara xi sentejn, kien rega' sejjahlu l-Ministru Dr. Michael Refalo, u dan qallu li kien ser jaghtih xoghol ta' aktar responsabbilta` u ghaldaqstant kien tah gimghatejn cans biex jahsibha jekk jaccettax il-kariga offruta ta' Area Manager inkarigat mill-Beach Cleaning ta' Malta u Ghawdex kollu. Minhabba li din il-kariga kienet aktar vicin il-posizzjoni tieghu, huwa kien accetta.

Wara xi zmien, huwa kien gie mitlub jiffirma dikjarazzjoni li huwa jaccetta li jigi down graded ghall-Group A, ghaliex skond id-dikjarazzjoni huwa kien gie impjegat bhala haddiem irregolari. Billi seta jigi mkecci, u fuq parir tal-GWU huwa ma kellux triq ohra hlief li jiffirma, izda kien ghamel dan taht ittra ta' protesta li kienet issuggerietlu l-istess Union, ghaliex huwa ma kienx jaqa' taht din il-kariga, billi huwa kien gie impjegat direttament mal-Mediterranean Conference Centre, f'Lulju tal-1986.

Ghall-habta ta' l-1993, huwa kien gie mibghut ghand id-Direttur tat-Turizmu u dan kien qallu sabiex mill-bidu ta' Mejju jirrapporta ghax-xoghol Villa Portelli, il-Kalkara ma' l-MSU. Hemmhekk kien gie inkarigat biex jaghmel inventarju tax-xtajtiet kollha ta' Malta u Ghawdex, biex ix-xoghol ta' tindif jinghata b'kuntratti mill-Kunsilli Lokali.

Minhabba li huwa kien gie down graded, huwa kien tilef il-kariga li kellu ta' Operations Manager, is-seniority li kellu kif ukoll il-paga.

Ghaldaqstant huwa hass li kien gie diskriminat b'din il-manjiera minhabba t-twemmin politiku tieghu u li minhabba f'hekk ghadu jbati danni morali u finanzjarji sal-lum.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jnghata lura l-grad ta' Operations Manager li kellu qabel, minn dik id-data li jkun xieraq, jew grad analogu u li jigi kkumpensat ghal dak kollu li huwa kien gie mcahhad minnu ingustament, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont li ma jeccedix is-somma ta' Lm5,000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Ministeru tat-Turizmu u tas-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru li eccepew:

1. Illi s-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-ilment fit-termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kap 12.

2. Illi kwantu dirett kontra l-Ministeru tat-Turizmu l-ilment huwa wkoll infondat ghar-ragunijiet segwenti:

a) Ir-rikorrent kien impjegat bhala Operations Manager fil-Mediterranean Conference Centre minghajr ma kienu gew segwiti d-disposizzjonijiet Kostituzzjonali (Art 110 (6)) li jassikuraw l-ugwaljanza ta' access ghall-impiegi fis-settur

pubbliku u kien ghalhekk klassifikat mid-Dipartiment tax-Xoghol bhala “haddiem irregolari”.

b) Illi l-impieg mal-Gvern isir fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku b’mod specifikament regolat mill-Kostituzzjoni u r-rikorrent qatt ma nzamm jew gie vjetat milli japplika wara sejha ghall-applikazzjonijiet ghal impiegi pubblici bhal kull cittadin iehor.

c) Illi l-pozizzjoni tar-rikorrent fil-Ministeru tat-Turizmu kienet fil-fatt giet regolarizzata u r-rikorrent illum huwa haddiem regolari li jgawdi l-istess kundizzjonijiet ta’ xoghol bhal kull haddiem iehor.

d) Illi meta l-impieg tieghu kien gie regolarizzat u nhatar Grupp “A” fis-Servizz Pubbliku huwa kien zamm fuq bazi personali l-istess paga bazika li kellu fl-1 ta’ Jannar 1992 sakemm din tibqa’ oghla mill-paga fil-grad tieghu.

e) Illi ghalkemm kien mitlub jaghmel xoghol fil-White Rocks Holiday Complex u mal-Beach Cleaning Section tad-Dipartiment tat-Turizmu dan ma kien tah l-ebda dritt ghall-promozzjoni fi grad oghla.
Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimati.

Ra r-risposta tac-Chairman tal-Mediterranean Conference Centre li eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

a) Ir-rikorrent kien impjegat bhala Operations Manager fil-Mediterranean Conference Centre minghajr ma kienu gew segwiti d-dispozizzjonijiet Kostituzzjonali (Art. 110 (6)) li jassikuraw l-ugwaljanza ta’ access ghall-impiegi fis-settur pubbliku u kien ghalhekk klassifikat mid-Dipartiment tax-Xoghol bhala “haddiem irregolari”.

b) Illi l-impieg mal-Gvern isir fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku b’mod specifikament regolat mill-Kostituzzjoni u r-rikorrent qatt

ma nzamm jew gie vjetat milli japplika wara sejha ghall-applikazzjonijiet ghal impiegi.

c) Illi l-pozizzjoni tar-rikorrent fil-Ministeru tat-Turizmu kienet fil-fatt giet regolarizzata sa mill-1 ta' Jannar 1992 meta kien gie mahtur fi Grupp 'A' fis-Servizz Pubbliku, u llum huwa haddiem regolari li jgawdi l-istess kundizzjonijiet ta' xoghol bhal kull haddiem iehor.

d) Illi meta l-impieg tieghu kien gie regolarizzat u nhatar fi Grupp 'A' fis-Servizz Pubbliku, huwa kien zamm fuq bazi personali l-istess paga bazika li kellu fl-1 ta' Jannar, 1992 sakemm din tibqa' oghla mill-paga fil-grad tieghu.

Illi ghalkemm ir-rikorrent kien mitlub jaghmel xoghol fil-White Rocks Holiday Complex u mal-Beach Cleaning Section tad-Dipartiment tat-Turizmu dan ma tah l-ebda dritt ghall-promozzjoni fi grad oghla.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Ir-rikorrent pprezenta affidavit fejn semma li kien impjegat mal-Ministeru tat-Turizmu fl-1986 bhala Operations Manager u mibghut il-Mediterranean Conference Centre. Qal li meta nbidel il-Gvern fl-1987 ma nghatax aktar xoghol ghal kwazi sentejn. Fl-1989 kien kellmu l-Ministru Dr. Michael Refalo u qallu biex jirrapporta ghax-xoghol il-White Rocks Holiday Complex jaghmel xoghol ta' Stores Manager. Wara sentejn Dr. Refalo qallu li ser jaghtih xoghol ta' Area Manager inkarigat mill-Beach Cleaning ta' Malta u Ghawdex kollu u tah gimaghtejn biex jahsibha u hu accetta. Qal li kien gie mitlub jiffirma dikjarazzjoni biex jigi down graded ghall-Group A ghax hu kien gie impjegat

bhala haddiem irregolari. Fuq parir tal-GWU hu ffirma izda ghamel ittra ta' protesta. Semma li mill-bidu tad-dikjarazzjoni li jigi Group A sa meta pprezenta l-affidavit qatt ma ghamel xoghol ta' Group A, dejjem xoghol ta' responsabbilita` kbira. Fl-1993 gie mibghut ghand id-Direttur tat-Turizmu u mill-bidu ta' Mejju beda jirraporta ghax-xoghol Villa Portelli, l-Kalkara ma' l-MSU u beda jaghmel inventarju tax-xtajtiet kollha ta' Malta u Ghawdex, biex ix-xoghol ta' tindif jinghata b' kuntratt mill-Kunsill Lokali. Qal li minhabba li kien gie down graded tilef il-kariga li kellu ta' Operations Manager, is-seniority kif ukoll il-paga. Sostna li gie diskriminat minhabba t-twemmin politiku tieghu.

Qal li ghall-habta ta' l-1985 hu kien jahdem bhala part timer mal-Mediterranean Conference Centre u wara kien applika u ghamel interview. Kien is-Sur Albert Agius Ferrante li kien ghamillu l-interview. Ikkonferma li kien iffirma l-kuntratt tal-1986 u ghall-habta ta' l-1991 u 1992 kien iffirma kuntratt iehor. Qabel ma sar il-ftehim hu kien ilu sena jew sitt xhur il-Mediterranean Conference Centre u qal li l-ftehim ma kienx japplika ghalih. Hu sar Civil Servant fl-1991 u minn dak iz-zmien ma kien iffirma xejn. Semma li baqa' hemmhekk sa l-1994 u mbaghad l-appointment kien sar backdated ghal Jannar 1991.
Bhala Operations Manager kien responsabbli ghac-centru kollu u ghall-organizzazzjonijiet kollha li jsiru bhal coffee mornings.

Wara l-elezzjoni ta' l-1987 peress li kienet nharqet is-sala tal-Mediterranean Conference Centre hafna mix-xoghol kellu jonqos u allura kien hemm surplus ta' impjegati. Ic-Chairman Agius Ferrante ghal xi ftit zmien kien tah xi xoghol ma' xi perit fejn kien dam gimgha. Hu acceta l-appointment ta' Civil Servant izda hu lmenta minnu ghax nizzlulu l-grad ghal xejn b'xejn u kien Lino Borg id-Direttur tat-Turizmu li kien qallu biex jiffirma l-appointment u qallu li jekk ma jiffirmax jigri 'l barra. Qal li kien hemm ohrajn li kienu jahdmu mal-Mediterranean Conference Centre izda dawn ma kellhomx l-opportunita` li jiffirmaw dak il-kuntratt li jigu Civil Servants u b'hekk baqghu hemmhekk. Semma

li dawk li kienu mgeghla jiffirmaw, bhalu, kollha ghamlu bhalu u saru Civil Servants.

Xehed James Rizzo pensjonant li semma li l-kariga tieghu qabel ma rtira kienet ta' Head of Department fil-Ministeru tat-Turizmu. Ghall-habta ta' l-1987 - 1988 ir-rikorrent kien gie mitlub li mill-Mediterranean Conference Centre jintbaghat mieghu fil-Ministeru tat-Turizmu u jigi allokat xoghol addattat ghalih. Meta kien jahdem mieghu r-rikorrent dejjem kien fully occupied. L-ewwel xoghol li kien inghata r-rikorrent kien responsabilitajiet fil-Beach Cleaning Department bhala speci ta' supervisor u fl-istess hin kellu jaghmel re-organasation ta' dik is-sezzjoni. Ikkonferma li r-rikorrent kellu responsabbilitajiet sostanzjali f'dik is-sezzjoni. Iddeskriva lir-rikorrent bhala kapaci u kuxjenzjuz hafna fuq xoghlu u qatt ma kellu problemi fir-rigward tieghu.

Ma kien jaf xejn dwar meta r-rikorrent kien gie down graded ghal grupp A pero` qal li kien hemm hafna nies li kienu kapaci u jaghmlu xoghol ta' responsabbilita` iktar mill-grad li kienu fih. Aktar milli r-rikorrent kien inghata grad meta kien mar maghhom, kien allokat certu responsabbilitajiet. Aktar tard kien qal lir-rikorrent li hu kien jehtieg jintbaghat l-MSU biex jghin fir-re-organisation tal-Beach Cleaning Department peress li kienet mehtiega hafna.

Xehed Albert Agius Ferrante li bejn l-1987 u l-1990 kien Chairman tal-Mediterranean Conference Centre. Qal li dak iz-zmien kien hemm bzonn li ssir espansjoni ta' dak ic-centru u ghalhekk hu beda jintervista lin-nies biex proprju ssehh dik l-espansjoni. Ikkonferma li r-rikorrent beda jahdem hemm bhala Operations Manager fi zmienu pero` ma ftakarx jekk kienx hu li ghamillu l-intervista. Ikkonferma li hu kien iffirma l-kuntratt tax-xoghol tar-rikorrent. Qal li r-rikorrent ma kienx ikun hu li jmexxi, jiddiskuti jew jinnegozja l-konferenzi internazzjonali. L-anqas fir-rigward ta' restaurant ma kienx ir-rikorrent illi kien jintriga. L-istess fir-rigward tat-teatru r-rikorrent qatt ma kellu l-inkarigu li jiddiskuti meta kienu jingabu artisti minn barra. Ir-rikorrent kellu xi sehem wara li jsir il-

kuntratt, li jorganizza certi affarijiet u jara x'hemm bzonn, x'jinhtieg bhal per ezempju mwejjed u siggijiet.

Ma kienx jafx meta r-rikorrent telaq mill-Mediteranean Conference Centre ghax ir-rikorrent ma kienx avzah. Ftakar li fl-1987 u 1988 ir-rikorrent kien talbu biex jallokawlu xoghol izda peress li kien hemm nies ohra diga` inkarigati ghal dak ix-xoghol ma setax jallokalu x-xoghol. Ma ftakarx li kien qal lir-rikorrent li kellu ordnijiet biex ma jinghatax xoghol. Qal li kien hemm bidla fil-Gvern u kien hemm policy ohra li kienet tghid li peress li kien hemm numru ta' staff kbir dan kellu jigi ridott.

Xehed <u>John B. Mifsud</u> Store Officer fil-Mediterranean Conference Centre li semma li kien dahal wara r-rikorrent ghall-habta ta' l-1986 fil-kariga ta' Restaurant Manager. Meta x-xhud dahal hemm, ir-rikorrent kien fil-pozizzjoni ta' Operations Manager fejn kien jaccetta l-funzjonijiet u wara kienu jaghmlu l-meetings flimkien mieghu u mal-Manager biex jaraw x' hemm bzonn ezatt. Ma kienx hemm xi hadd iehor li kien jaghmel l-istess xoghol bhar-rikorrent. Ix-xhud u r-rikorrent gieli kellhom xi meetings partikolari flimkien fuq xi catering functions u dawn flimkien mal-managers l-ohra. Wara l-bidla tal-Gvern fl-1987 ix-xhud kien baqa' hemmhekk u wara xi sena kien sar Catering Manager. Semma li hu qatt ma kellu problemi kemm dam hemmhekk. Qal li Operations Manager kien grad oghla minn tieghu.

Xehed <u>Charles Bonello</u> Head of Operations il-Mediteranean Conference Centre li qal li dahal f'Settembru 1980 bhala Theatre Manager. Fiz-zmien li dahal ir-rikorrent kien jiehu hsieb it-teatru u r-rikorrent kien jiehu hsieb xi konferenzi kif ukoll dinners. Bejn wiehed u iehor kienu fl-istess grad izda meta r-rikorrent kien Head of Operations jahseb li kien grad oghla minn tieghu. Qal li hu qabel ma kien fil-Mediterranean Conference Centre kien gie seconded mill-Medserv u baqa' misluf sal-1992 fejn imbaghad sar tal-post. Barra Theatre Manager kien ghamel xi zmien bhala Acting General Manager izda qabel kien ha l-promozzjoni ta' Operations Manager u sa meta xehed kien ghadu Operations Manager, Head of

Operations. Qal li r-rikorrent dahal bhala Operations Manager u beda jaghmel ix-xoghol li kien jaghmel hu qabel u kienu jghinu lil xulxin peress li kien hemm volum kbir ta' xoghol. Qal li sa fejn jaf hu ma kienx hemm applikazzjoni, u approvazzjoni minn naha tal-PSC. Meta telaq ir-rikorrent, ix-xoghol baqa' jiehu hsiebu hu.

Xehed James Catania li kkonferma r-risposta tad-dipartiment.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi l-partijiet qablu li ssir referenza ghas-sentenza moghtija minn dan it-Tribunal fil-kawza fl-ismijiet Grezzju Desira vs Ministeru tat-Turizmu et deciza fis-7 ta' Frar, 2002 u ghalhekk it-Tribunal sejjer jikkwota minn partijiet relevanti minnha fil-parti konkluziva:

"Illi ghalhekk jirrizulta li ftit qabel l-elezzjoni tal-1987 numru konsiderevoli ta' nies (fosthom ir-rikorrenti) gew impjegati mal-Mediterranean Conference Centre u dan fuq sempliciment rakkomandazzjoni u interview minghajr ma kienu hargu applikazzjonijiet, minghajr hatra formali ta' xi bord ghall-interviews u minghajr proceduri li solitu jsiru. Dawn fil-fatt kienu ghal zmien twil kunsidrati bhala haddiema irregolari mal-Gvern u kienu jithallsu mit-Tezor. Fis-sena 1993 kien sar ftehim kollettiv bejn it-Taqsima tar-Ristoranti, Lukandi, Ikel u Xorb tal-Union Haddiema Maghqudin u l-Mediterranean Conference Centre u ghalhekk saru haddiema regolari tal-Mediterranean Conference Centre. Inoltre ta' min isemmi li hargu zewg cirkolarijiet u cioe':

Fl-4 ta' Novembru, 1991 cirkolari mahruga mill-Ufficcju tal-Prim Ministru dwar Appointment of Charwomen Group A li tghid:

"It has been decided to offer a permanent post in Group A to all females who, on 31 December 1989, were listed in the Combined Register – i.e. those who were members of AWTS (including ex-Dejma), those 'irregularly employed' and those who were registering for employment on Part 1 of the Register.

In the case of your Organisation the females concerned can elect to remain in your employ should you consider that permanent employment can be offered to them….

u fl-1 ta’ Marzu, 1993 harget cirkolari mill-Ufficcju tal-Prim Ministru li fl-ewwel paragrafu qalet:

“In conformity with government policy as announced in the Budget Speech for 1992, all employees irregularly employed prior to 10$^{th}$ May 1987 were to be offered permanent employment with Government in Group A of the Industrial Grades with effect from 1$^{st}$ January, 1992.

Ikkunsidra li l-ewwel eccezzjoni moghtija hija li l-Ministeru tat-Turizmu mhux il-legittimu kontradittur tar-rikorrent a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kap 12. Infatti l-Artikolu 181B(1) tal-Kap 12 jghid li:

“Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.”

Irrizulta li l-MCC kienet taqa’ taht id-Dipartiment tal-Kultura jew taht id-Direttur tat-Turizmu fi zminijiet diversi. Ghalhekk it-talba tar-rikorrenti messha saret kontra dawn id-Diretturi u mhux kontra l-Ministeru. Ghalhekk jilqa’ din l-eccezzjoni fil-konfront biss tal-Ministeru.

Ikkunsidra li l-Artikolu 110 subartikolu 6 tal-Kostituzzjoni jghid li:

“Dhul f’ impiegi ma’ kull korp stabbilit bil-Kostituzzjoni jew b’ xi ligi jew taht xi ligi ohra, u ma’ kull socjeta` jew korp iehor li fih il-Gvern ta’ Malta, jew xi korp kif intqal qabel, ikollhom sehem bizzejjed biex jikkontrollaw jew li fuqu jkollhom kontroll effettiv, ghandu, kemm-il darba dak id-dhul ma jkunx sar wara ezami pubbliku li jkun gie avzat kif imiss, isir permezz tas-servizz ghall-impjegar kif provdut fis-subartikolu (2) ta’ dan l-artikolu.”

Ghalhekk id-dhul fl-impieg tar-rikorrenti sar bi ksur manifest tal-artiklu 110 subartiklu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-pozizzjoni tar-rikorrenti xejn ma kienet sabiha u nies bhalu kienu f' pozizzjoni kompletament fluwida. Gara izda li permezz tac-cirkolari tal-4 ta' Novembru 1991 il-Gvern iddecieda li joffri impieg permanenti fi Grupp A lin-nisa li fil-31 ta' Marzu 1989 kienu mnizzlin fil-combined register inkluz dawk irregularly employed. Ir-rikorrenti sostnew li din kienet bi ksur ghad-drittijiet taghhom ghax cittadini Maltin kollha jgawdu drittijiet ta' ugwaljanza u ghalhekk ma kellhomx ikunu eskluzi mill-beneficcji ta' tali cirkolari bil-fatt biss li huma irgiel u dan f' impieg li mhux necessarjament u bil-fors isir minn mara.

Hawnhekk it-Tribunal sejjer jikkwota minn sentenza ohra deciza minnu fl-20 ta' Novembru 2001 fl-ismijiet Francis Caruana vs Kummissarju tat-Taxxi Interni fejn intqal li:

"Dwar l-ewwel aspett tal-ilment dan hu bazat fuq il-mod kif harget l-OPM Circular 71/90, "Post of Supervisor (Female) in the Inland Revenue Department, Group D". Mill-istess dokument esebit jirrizulta car li l-applikazzjonijiet kienu miftuha ghal dak imsemmi fl-ewwel paragrafu "Female Government employees who wish to be considered for the appointment to the post of Female Supervisor…"

Issa rrizulta car li t-tip ta' xoghol li ried jigi attwat ma kienx xi xoghol li jinnecessita li dan isir minn mara ad eskluzjoni ta' ragel. It-Tribunal jikkondividi perfettament l-insenjament tal-kawza fl-ismijiet Victoria Cassar kontra l-Awtorita` Marittima ta' Malta et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Novembru 2001, u Rose Anne Galea vs Onor Prim Ministru deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' April, 1995. Bazat fuq l-artikoli 14 u 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 3, 8, u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [Kap 319], hu essenzjali li jkun hemm l-ugwaljanza u l-parita` tas-sessi ghal kull impjieg. Dan naturalment jista' jkollu l-eccezzjoni tieghu meta jkun hemm impiegi li minn natura essenzjali taghhom jirrikjedu bilfors li l-applikant irid ikun mara jew ragel. It-Tribunal jifhem li postijiet bhal Security Frisker kif kienet precedentement Josephine Gatt jirrikjedu li biex

taghmel Security Frisking fuq nisa u tfajliet kemm mill-aspett morali kif ukoll socjali jinnecessitaw li persuna tkun mara izda ma jarax kif ghall-post ta' Supervisor bhal dak riferut ghalih fl-ilment dan jirrikjedi bilfors li kellha tkun mara specjalment meta l-impjegati ta' taht l-istess supervisor setghu jkunu rgiel."

Inoltre ssemmiet fuq ic-cirkolari tal-1 ta' Marzu 1993 li permezz taghha "all employees irregularly employed prior to 10th May 1987 were to be offered permanent employment with Government in Group A of the Industrial Grades with effect from 1st January 1992." Ghalhekk ukoll taht dan l-aspett huwa ingust li ma tigix moghtija l-opportunita` lir-rikorrenti li jitqies bhala persuna regularly employed.

Hawn it-Tribunal bil-fors irid jaghmel dawn ir-riflessjonijiet:

It-Tribunal ma jistax logikament jordna li kuntrarjament ghal dak li hemm imsemmi fl-Artikolu 110(6) ir-rikorrenti jitqies bhala regularly employed mal-Gvern;

Izda minn naha l-ohra ma jistax jasal ghal li manifestament jiddiskrimina kontra r-rikorrent ghax jekk mijiet ta' impjegati irregolari gew moghtija dik il-fakulta` bl-istess mod huwa dritt tieghu taht il-Kostituzzjoni li jigi moghti l-istess opportunita` u ghalhekk ghandu jitqies regularly employed mal-Gvern;

Hija stramba li fl-1993 il-procedura li ntuzat ghal mijiet ta' haddiema biex saru impjegati regolarment saret taht is-sistema kif fil-fatt giet implimentata;

Ir-ragunar ta' xi awtoritajiet li jqisu l-impieg tal-haddiema tal-MCC mhux bhala ta' impjegati tal-Gvern u li ghalhekk li ma kellhomx japplikaw il-provvedimenti tac-cirkolari tal-1 ta' Marzu 1993 kien stramb hafna ghax jekk dawn ma kienux haddiema mal-Gvern allura ma kienux applikabbli l-provvedimenti tal-Artikolu 110(6) u ghalhekk l-impieg taghhom seta' jitqies regolari.

Dan kollu jwassal ghall-fatt li t-Tribunal ihoss li r-rikorrenti kellu jkun moghti l-opportunita` kif inghataw tant haddiema ohra li kienu impjegati irregolarment li bhalhom kellu d-drittijiet tieghu. Huwa veru li wiehed ghandu josserva l-obbligazzjonijiet taht l-Artikolu 110(6) izda daqshekk iehor kellhom jigu osservati l-provvedimenti dwar diskriminazzjoni kemm bejn irgiel u nisa (cirkolari tal-4 ta' Novembru 1991) u kemm tal-haddiema mal-MCC ma' haddiema ohra (cirkolari tal-1 ta' Marzu 1993).

It-Tribunal jixtieq jikkwota minn sentenza ohra moghtija minnu fit-22 ta' Novembru 2001 fis-sentenza fl-ismijiet Francis Hili vs Chairman Bank of Valletta et fejn qal:

"Dwar diskriminazzjoni jinghad li hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva trattament differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti – Ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali deciza fil-31 ta' Mejju, 1999 fl-ismijiet Dr Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru. Ara wkoll "Law of the European Convention on Human Rights" - Harris Boyle and Warbrick pag 462 et, u "Law and Practice of the European Convention on Human Rights" - Gomien Harris, and Zwack pag 345 et]. Ara wkoll Vol LXXVII-I-127 u 136."

Ghalhekk wara li qies il-fatturi kollha hawn fuq imsemmija jhoss li ghandu jichad l-eccezzjonijiet bazati fuq l-Artikolu 110(6) tal-Kostituzzjoni u li impiegi mal-Gvern isiru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

L-eccezzjoni l-ohra tal-intimati li l-pozizzjoni tar-rikorrenti fl-MCC kienet fil-fatt giet regolarizzata u li r-rikorrent illum huwa haddiem regolari ta' dan ic-centru ma taffettwax id-drittijiet tieghu ezistenti taht xi aspett iehor bhal ma hu d-

dritt fundamentali tieghu kontra diskriminazzjoni. Infatti s-Sur Carmel Bonello fid-depozizzjoni tieghu semma xi vantaggi li r-rikorrenti ma ghandux sakemm ma jkunx haddiem tal-Gvern. Ghal dawn il-motivi jichad ukoll din l-eccezzjoni…

Ghalhekk wara li cahad l-eccezzjonijiet tal-intimati hlief ghal dik relattiva ghall-Ministeru tat-Turizmu, it-Tribunal jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jirrikmanda li jinghata appointment mal-Gvern b' effett mid-data li nghataw il-haddiema l-ohra in segwitu tac-cirkolari fuq imsemmija u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-hatra dakinhar."

Ikkunsidra

Illi hu manifest li l-impieg tar-rikorrent huwa wiehed irregolari. Dan jirrizulta car mill-Kostituzzjoni Artikolu 110 (6) u ma hemmx ghalfejn it-Tribunal jerga jaghti r-ragunijiet li nghataw fuq. Issa l-haddiema irregolari gew moghtija il-beneficcju li jsiru haddiema regolari a bazi tac-cirkolari mahruga fl-1 ta' Marzu, 1993 li tat il-possibilta` lill-haddiema irregolari impjegati bhala tali qabel l-10 ta' Mejju, 1987 jigu offruti mpieg permanenti mal-Gvern fi Grupp A tal-gradi Industrijali b'effett mill-1 ta' Jannar, 1992. Dak hu li gara fil-kaz tar-rikorrent odjern. Il-kaz ta' Desira msemmi mill-istess rikorrent huwa totalment differenti minn dak tar-rikorrent minhabba li f'dak il-kaz ta' Desira l-ilment kien bazat fuq trattament differenti favur l-impjegati nisa mill-irgiel u minhabba nuqqas ta' impieg regolari mal-Gvern. Hawn ir-rikorrent gie offrut dan l-impieg regolari bhala Grupp A li lir-rikorrent ma ghogbux u dan it-Tribunal jista' facilment jifhem ghaliex izda min-naha l-ohra ir-rikorrent odjern ma gie bl-ebda mod diskriminat kontra. Wara kollox l-istess ghamel it-Tribunal fil-kaz ta' Francis Hili u tant rikorrenti ohra li kellhom impieg irregolari.

Inoltre it-Tribunal seta' jehles hafif fuq il-fatt li l-kawza ma kienitx diretta kontra d-Direttur tal-Kultura izda hass li ghandu jaghti ragunijiet aktar dettaljati.

Ghal dawn il-motivi jilqa’ l-eccezzzjonijiet tal-intimati.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------